GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
DIPARTIMENT GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI

# ĊIRKOLARI

Referenza: DG DES 03/2024

Mingħand: Ritianne Borg Saliba, Direttur Ġenerali, Direttorat għal Servizzi Edukattivi

Lil: Segretarju Permanenti
Diretturi Ġenerali
Uffiċjali Ewlenin tal-Informazzjoni
Diretturi / Assistenti Diretturi
Kapijiet tal-Kulleġġi
Kapijiet tal-Iskejjel Primarji (Statali, tal-Knisja u Indipendenti)

Suġġett: Applikazzjonijiet għad-dħul fl-Iskola Nazzjonali tal-Isport - Year 7 – Sena Skolastika 2024/2025.

Data: 12 ta' Jannar 2024

---

Għeżież Ġenituri/Kustodji,

L-Iskola Nazzjonali tal-Isport se tilqa' applikazzjonijiet minn studenti li mis-sena skolastika d-dieħla 2024/2025 jixtiequ jsegwu l-istudji akkademiċi tagħhom kif ukoll jitħarrġu f'xi dixxiplina sportiva li jeċċellaw fiha.

L-istudenti kollha minn Malta u Għawdex li se jtemmu b' suċċess is-sitt sena tagħhom fl-Iskola Primarja u li huma meqjusa ta' talent u promettenti ħafna fil-qasam tal-isport tagħhom minn kowċis fi ħdan l-Assoċjazzjoni Nazzjonali tal-Isport rispettiva tagħhom, huma eliġibbli biex japplikaw għad-dħul fl-Iskola Nazzjonali tal-Isport.

**Minn nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Jannar, 2024 l-applikazzjonijiet għall-istudenti li jagħżlu l-futbol jistgħu jiġu aċċessati online** fuq il-website uffiċjali tal-iskola http://nss.skola.edu.mt/ . **Id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet hija nofsinhar, il-Ġimgħa 2 ta' Frar 2024.**

**L-applikazzjonijiet għad-dixxiplini sportivi kollha se jkunu miftuħa minn nhar il-Ġimgħa, 15 ta' Marzu, 2024** u jistgħu jinkisbu mill-Edu Servizz.gov Hub, Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, Triq l-Assedju l-Kbir, il-Furjana jew mill-Uffiċċju tal-Prinċipal tal-Kulleġġ, Skola Medja Agius de Soldanis, Triq Duminku Mintoff, ir-Rabat, Għawdex jew fuq is-sit elettroniku tal-iskola uffiċjali http://nss.skola.edu.mt/ . **Id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet hija nofsinhar, it-Tlieta 26 ta 'Marzu 2023.**

L-applikazzjonijiet jistgħu jiġu sottomessi fl-**Edu Servizz.gov Hub**, Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, Triq l-Assedju l-Kbir, il-Furjana **mit-Tnejn sas-Sibt: mit-8:00am sas-1:00pm** u **l-Erbgħa BISS: 4:30pm sas-7:00pm** jew fl- Uffiċċju tal-Prinċipal tal-Kulleġġ, Skola Medja Agius de Soldanis, Triq Duminku Mintoff, ir-Rabat Għawdex mit-**Tnejn sal-Ġimgħa mit-8:00am - 4:00pm**.

**Ritienne Borg Saliba**
**Direttur Ġenerali**
**Dipartiment għal Servizzi Edukattivi**